MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2004

Numru. 28/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PASCHALINO CEFAI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PASCHALINO CEFAI** ta' tlieta w ghoxrin sena bin l-mejjet Joseph u Theresa nee Saliba, imwieled H'Attard, Malta t-tlettax ta' Dicembru 1979 u residenti 24, Triq l-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 52480M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. fit-tletin ta' Lulju 2003 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar ingurja jew thedded jew

ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 187 Mario Cassar, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 187 Mario Cassar, waqt li tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser voluntarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja w ghoxrin ta’ Settembru 2003 esebit fl-atti mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 kif jirrizulta a fol 8 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar t-tlettax ta' Mejju 2004.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ewwel ta' Lulju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 **xehed PS 187 Mario Cassar** li stqarr li nhar t-tletin ta' Lullu 2003, ghall-

habta tas-siegha w kwart ta' wara nofsinhar, huwa kien qed jitkellem mal-Ispettur Antonello Grech dwar rapport fuq hsara voluntarja fejn allegatament kien gie identifikat l-imputat bhala l-malvivent. PC 330 Emanuel Schembri u PC 1115 John Mary Attard marru ghalih pero dan nonostante, l-imputat gie l-Ghassa wahdu. Appena dahal l-Ghassa, huwa infurmah li kien taht arrest fuq rapport ta' hsara voluntarja u l-imputat minnufih wiegbu b'vuci gholja "*provi m'ghandkomx*". Minnufih l-imputat beda jimbuttah b'sidru. Huwa mar jikteb fuq il-komputer u l-imputat beda jghidlu li kien ser jitlaq 'l hemm, huwa ordnalu biex ma jitlaqx izda minkejja dan, l-imputat telaq u beda jghajjat kemm jiflah. Mistoqsi in kontr'ezami jekk hadux l-*lock-up*, is-Surgent wiegeb li ma setghax ghaliex l-imputat beda jirrezistih.

Nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003, huwa esibixxa l-okkorrenza relattiva ghar-rapport li kien dahal l-Ghassa dakinhar stess tat-tletin ta' Lulju 2003 ninn Joseph Portelli dwar incident t'allegat hsara voluntarja kagjonata mill-imputat Paschalino Cefai fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872 [vide dokument PS a fol 19 tal-atti odjerni].

**PC 330 Emanuel Schembri xehed** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 fejn spjiega li nhar t-tletin ta' Lulju 2003, kellu ordni minghand PS 187 Mario Cassar sabiex jigbor lil imputat Paschalino Cefai u jakkumpanjah l-Ghassa. Huwa mar flimkien ma PC 1115 Attard biex isegwi l-ordni moghti lilu. Huma qalulu biex jinzel l-Ghassa ghaliex ried jkellmu l-Ispettur u l-imputat minnufih qalilhom li kien sejjer l-Ghassa bil-vann tieghu biex ma jdumx u fil-fatt wasal l-Ghassa qabilhom. Ix-xhud kompla jghid li sema' lil imputat jghajjat u jidghi mas-Surgent waqt li kien fil-bieb tal-ufficcju. Sema' lis-Surgent jghid lil imputat li kien taht arrest, izda dan nonostante, ra lil imputat diehel u hiereg 'l barra mill-ufficcju. Wara xi hin, s-Surgent hareg ghal imputat u l-imputat hebb ghalih. Is-Surgent qallu li kien arrestat filwaqt li l-imputat qallu li ma riedtx joqghod hemm u telaq 'l barra. Ix-xhud spjiega l-atteggjament tal-imputat u x'ried jfisser bil-kelma 'hebb' u qal li l-imputat pogga sidru mieghu u ma PS 187 Mario Cassar, b'idejh miftuhin

biex jurihom li kellu forza biex jzommhom. Ix-xhud elabora fuq domanda tad-Difiza, jekk l-imputat messhomx billi qal "*bejn messna u bejn ma messniex*". Ix-xhud kompla jghid li pprova jzomm lil imputat l-Ghassa izda ma rnexxilux ghaliex l-imputat telaq xorta.

**PC 1115 John Mary Attard xehed** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 w ikkonferma dak kollu li qal PC 330 Emanuel Schembri dwar kif l-imputat spicca l-Ghassa pero spjiega u qal li ra lil imputat b'idejh wara vicin s-Surgent u jghidlu "*Ghal fejn ha tarrestani… ghalfejn ha tarrestani?*"

**L-Ispettur Antonello Grech xehed** nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 w ikkonferma li huwa kien gie muri l-okkorrenza esibita fl-atti bhala dokument PS minn PS 187 Mario Cassar u kien tah ordni biex jarresta lil imputat.

**L-imputat xehed minn jeddu u b'mod voluntarju** nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 fejn qal li ma jafx ghaliex il-Pulizija tat-Traffiku kienu talbuh imur l-Ghassa biex jkellem lis-Surgent u fil-fatt sal-gurnata ta' meta xehed il-Qorti nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 huwa ma kienx f'posizzjoni jghid x'kienet r-raguni 'l ghaliex talbuh imur l-Ghassa. Qal li hadd mill-Pulizija ma kien qallu li kien arrestat, pero fl-istess nifs jghid li s-Surgent '*belghu*'. Qal li kien hemm zewg Ufficjali tal-Korp certu Fredu tas-CID u Jimmy tat-Tafffic li qalulu biex ma jaghtix kaz s-Surgent u biex imur jahdem. Fil-fatt jghid li dak d-diskors sar fil-presenza ta' xi ghoxrin pulizija [vide fol 30 tal-atti]. Mistoqsi jekk xi Ufficjali imbuttawhx, l-imputat wiegeb li PS 187 Mario Cassar imbuttah u rama jghidlu "*Int ha thebb ghalija?*" Huwa jghid li pogga idjeh wara u qaghad mal-kantuniera sakemm gie mibghut d-dar mill-Pulizija.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fu kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda, u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputat qed jghid l-verita jew mhux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process,

biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitti imputati lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura mill-Pulizija biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettix.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud u dan ghaliex tkun ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' kull xhud, tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li xehed, tara fi ftit kliem jekk dak li qed jghid xhud ghandux verament mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt fil-provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat, pero huwa minnu wkoll, kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar d-dsatax ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** u cioe:

*"Conflicting evidence per se, does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

Illi **l-ewwel akkuza** hija dik naxxenti mill-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u cioe dak r-reat maghruf bhala "oltragg". Issa skond s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**:

*"Biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' Ufficjal Pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-Ufficjal in kwistjoni, ossia de viso, ghax altrimenti ma jkunx hemm r-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. In oltre hemm bzonn li l-kliem ikun fil-fatt ingurjuzi, kif wkoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi Ufficjal Pubbliku."*

Issa fil-kaz in ezami, ghalkemm jirrizulta mill-okkorrenza mehuda minn PS 187 Mario Cassar markata bhala dokument PS, l-imputat ghajjru '*zibel u kiesah*' f'divesi okkazzjonijiet meta xehed viva voce l-Qorti ma semma xejn minn dan. Qal biss li l-imputat beda jghajjat. In effetti hadd mill-Ufficjali l-ohra li xhedu effettivament qalu li l-imputat ghajjar lil PS 187 Mario Cassar. Ilkoll qalu li ma obdiehx u li kiser l-paci pubblika b'ghajjat u li f'xi hin ittanta jhebb ghal PS 187 Mario Cassar.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mohammed Hazzouni *deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fejn il-fatti specie tal-kaz kienu simili, fejn cittadin komuni gholla lehnu ma Ufficjal tal-Pulizija fl-Ghassa fejn dik il-Qorti kienet iddecidiet li:

*"Anke jekk l-kliem intqal f'mument ta' rabbja u forsi b'vuci ftit gholja… dan il-kliem f'dawn ic-cirkostanzi, b'ebda tigbid tal-ligi ma jammontaw ghal theddid jew ingurja fis-sens tal-artikolu 95 tal-Kap 9.'*

Ghalhekk in vista tas-suespost din l-ewwel akkuza ma tirrizultax ppruvata.

**Fit-tieni lok**, l-imputat huwa akkuzat talli hebb fuq Ufficjal tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa skond is-sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Borg** gie deciz li:

*"Sabiex jissusisti r-reat* [l-artikolu 96] *irid ikun hemm bhala minumu xi forza illegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna hsara lil persuna tal-Ufficjal Pubbliku zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz kontieh ebda hsara ma tigi effettivament kagjonata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara, per ezempju min jimbotta b'mod goff u ostili Ufficjal Pubbliku. Biex ikun hemm dan r-reat l-agent irid ikun mhux biss attakka, 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irresista 'il fatto di prendere la difensiva' lil Ufficjal Pubbliku izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."*

Illi fid-dawl ta' dak li ntqal ghalkemm dak li ghamel l-imputat u cioe li pogga idejh wara daru [kif ammess minnu stess], u pogga sidru ma PS 187 Mario Cassar, kif ntqal minn PS 187 Mario Cassar u Ufficjali ohra u li mbotta b'sidru, jammonta ghar-reat in dezamina ta' hebb u ghalhekk il-Qorti ssibu hati ta' dan t-tieni reat.

**Dwar t-tielet akkuza**, u cioe dik ta' kontravenzjoni ta' ksur tal-paci pubblika, kif kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ikun hemm dan r-reat irid ikun hemm bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna [li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat] dwar l-inkolumita fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fil-fatt il-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tletin ta' Gunju 1998***, fl-ismijiet **Il-Pulziija v Andrei Galea**, dik il-Qorti qalet li:

*"L-imsemmi paragrafu "dd" jikkontempla dak li fil-"common law" ingliza hu maghruf bhala "breach of the peace".*

Illi ghalhekk, dak li ghamel l-imputat u cioe li gholla lehnu u beda jghajjat tant li PC 330 Emanuel Schembri semghu jghajjat minn barra t-triq, jammonta ghal *breach of the public peace*, u ghalhekk din il-Qorti ser issib lil imputat hati ta' din t-tielet akkuza.

**Dwar r-raba akkuza** l-imputat jinstab akkuzat li ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din l-kontravenzjoni tavvera ruhha meta bniedem "*ma jhallix jew ifixkel lil xi hadd f'servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel d-dmirijiet tieghu*" fit-test Ingliz '*hinders or obstructs such person in the exercise of his duties*'.

**Lord Goddard** fil-kawza ***Hinchcliffe v Sheldon*** [1995] 7 WLR 1205 jghid:

*"Obstructing means making it more difficult for the police to carry out their duties"*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Vella**, gie ritenut li:

*"Naturalment dan t-tfixkil* [obstruction] *irid ikun sar bl-iskop li b'xi mod jaghmluha aktar difficili biex il-Pulizija taghmel xogholha jew taht citkostanzi li fihom dak li jkun ghandu ragjonevolment jobsor, li dak li qed jaghmel, sejjer ifixkel lil Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom."*

**Smith A&H**, fil-ktieb ***Offences Against Public Order*** [London pg 194] jghid:

*"In other words, what would appear to be required, is some awareness on the part of the defendant that he was making the task of the police a more difficult one"*

Fil-kaz odjern, ma hemmx dubbju li l-imputat ma halliex lil PS 187 Mario Cassar jaqdi d-dmirijiet tieghu u dan ghaliex

ghalkemm inghata l-ordni li kien taht arrest huwa ma tax kaz, beda jghajjat u fil-fatt telaq mill-Ghassa.

Illi din l-kontravenzjoni ghandha element alternattiv li ghandu jigi ppruvat f'kaz li ma hemmx tfixkil u dan huwa li l-malvivent ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita [element li f'dan il-kaz mhux daqstant necessarju li jigi ppruvat ghalkemm gie ppruvat ghaliex l-imputat fixkel lil Puylizija fi dmirijiethom].

Skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze** jinghad li:

*"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien salv d-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja ntrinsika ta'dak l-ordni."* [Vide **Il-Pulizija v Austin Grech *deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Ottubru 1992***].

Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet ta' kontravenzjoni kontemplat fil-paragrafu "ee" tal-artikolu 338 tal-Kap 9 jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih inghata.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi haga rregolari prima facie fl-ordni li PS 187 Mario Cassar ta lil imputat u ghalhekk l-imputat messu qaghad ghal dak l-ordni u mhux sfida lil awtorita pubblika kif fil-fatt ghamel meta telaq 'l barra. Illi ghalhekk din r-raba akkuza tirrizulta wkoll ppruvata.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95, 96, 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi li ma ssibx lil imputat PASCHALINO CEFAI hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba akkuza.**

**Dwar il-piena**, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 4 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat li ghandu erbgha w ghoxrin sena, diga kiser dufrejh mal-ligi sebgha

darbiet meta nstab hati talli hebb ghal terzi persuni, voluntarjament kiser il-paci pubblika, ingurja lil diversi persuni, sewqan b'manjiera perikoluza, u talli kkaguna feriti ta' natura hafifa u dan dejjem inghata pieni ta' amendi u multi.

Illi dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu fil-Qorti u m'gharafx jisfrutta ruhu mill-opportunitajiet lilu moghtija u ghalhekk din il-Qorti thoss li m'ghandhix tkompli tkun klementi mieghu u konsegwentement thoss li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza sabiex jkollha l-effett ta' mannara mdendla fuq ras l-imputat u b'hekk l-imputat ghandu joqghod aktar attent kif igib ruhu man-nies fis-socjeta li taghha jifforma parti huwa stess.

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli fuq citati, tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat PASCHALINO CEFAI piena komplessiva ta' tlett [3] xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat ddikjara li fehem ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------